# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

## IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tat-2 ta' Frar 2001**

**Citazzjoni numru 877/95 GC**

**Annie Abela**
**vs**

**John Micallef kif ukoll Joseph Gasan ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Gasan Insurance Agency Limited u din bhala agent tas-socjeta' estera General Accident Fire & Life Assurance Corp plc u b'nota tas-27 ta' Gunju 1994 l-avukat Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tad-Ditta Gasan Insurance Agency Limited bhala rapprezentant tas-scojeta' Estera `General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc assuma l-atti tal-kawza minflok Joseph Gasan**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ppremettiet:-

Illi fil-25 ta' April 1993, il-vettura tal-attrici Rolls Royce Numru U-0077 kienet involuta f'incident awtomobilistiku ma' vettura ohra misjuqa mill-konvenut John Micallef;

Illi konsegwenza ta' dan l-incident l-attrici sofriet danni sostanzjali fil-vettura taghha, ghal liema danni l-konvenut huwa responsabbli minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu;

Illi sussegwentement l-attrici dahlet f'trattattivi mas-socjeta' assikuratrici tal-konvenut in konnessjoni mal-kaz in kwestjoni;

Illi l-konvenuti, interpellati dabiex jaddivjenu ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attrici fil-vettura taghha baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, huma unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici fil-vettura taghha Rolls Royce Numru U-0077 fl-incident awtomobilistiku tal-25 ta' April 1993, minhabba traskuragni, neglizgenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut, John Micallef;

2. Tillikwida d-danni sofferti tal-attrici okkorrendo bl-opra ta' perti nominand;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex ihallsu lill-attrici d-danni hekk likwidanti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-4 ta' Ottubru 1993, u bl-imghax relattiv sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Dottor Louis Bianchi nomine fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament illi l-gudizzju mhux integru stante li l-kawza kellha ssir mill-konjugi Abela u mhux minn Annie Abela biss;

2. Illi fit-tieni lok l-eccipjenti mhuwiex il-legittmu kontradittur f'din il-kawza billi huwa ma' kellu jaqsam xejn mall-incident tat-traffiku citat mill-attrici, u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Dottor Louis Bianchi nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Micallef fejn gie eccepit :-

1. Preliminarjament illi l-gudizzju mhux integru stante li l-kawza kella ssir mill-konjugi Abela u mhux minn Annie Abela biss;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-eccipjent gia' accetta responsabbilta' ghad-danni subiti mill-attrici tant huwa hekk illi l-hsara fil-vettura tal-attrici gia giet imhallas;

3. Illi dwar id-danni l-ohra pretesi mill-attrici, kif jirrizulta skond l-ittra datata 24 ta' Gunju 1993 (Dok. 1), dawn huma ghal kollox esagerati, ghax l-attrici b'ebda mod ma pprovat timminimizza d-danni, kif skond il-ligi hija obbligata li taghmel, u dan kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut John Micallef debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru 1994 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li l-kontestazzjoni fil-kawza hi limitata ghall-likwidazzjoni tad-danni dwar il-meritu apparti l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-konvenuti;

Rat is-sentenza ta' din il-qorti tat-30 ta' Mejju 1996 li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni taz-zewg konvenuti rigwardanti l-integrita' tal-gudizzju;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 1996 minn fejn jirrizulta li l-konvenut Dottor Louis Bianchi nomine ddikjara li a kienx qed jinsisti ghat-tieni eccezzjoni tieghu;

Rat l-istess verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 1996 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu illi ma hemmx kwestjoni dwar ir-responsabilita' tal-incident in kwestjoni u hemm biss li jigi deciz dwar xi spejjes ulterjuri inkorsi mill-attrici in konnessjoni mal-incident in kwestjoni;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Gunju 1998;

Ikkonsidrat:

L-attrici, fic-citazzjoni, tghamel referenza ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' April 1993. Involuti f'dan l-incident kien hemm il-vettura tal-attrici Rolls Royce numru ta' registrazzjoni U-0077 u vettura ohra misjuqa mill-konvenut John Micallef. Il-konvenut Micallef ammetta r-responsabilita' tieghu ghar-rigward ta' l-istess incident u jidher li huwa ghamel "claim" lis-socjeta konvenuta bhala s-socjeta assikuratrici tieghu. Jidher ukoll li l-istess socjeta konvenuta, dejjem bhala s-socjeta assikuratrici, hallset lill-attrici ghall xi danni li hi sofriet bhala konsegwenza tal-imsemmi incident. L-attrici in effett qed tippretendi li hemm xi danni ulterjuri, liema danni pero' s-socjeta konvenuta qed tirrifjuta li thallas. Dawn d-danni ulterjuri huma elenkati fil-prospett a fol.15;

L-eccezzjoni preliminari kif sollevata miz-zewg konvenuti rigwardanti l-integrita' tal-gudizzju giet michuda pemezz tas-sentenza tat-30 ta' Mejju 1996. Is-socjeta konvenuta permezz tal-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 1996 ddikjarat li ma kienitx qed tinsisti ghat-tieni eccezzjoni taghha. Il-partijiet f'zewg verbali, cioe dawk tas-seduti tad-19 ta' Ottubru 1994 u tat-12 ta' Dicembru 1996, iddikjaraw li jaqblu li l-kontestazzjoni hi limitata ghall-likwidazzjoni tad-danni u cioe biss dwar xi spejjes ulterjuri inkorsi mill-attrici. In vista ta' dan kollu jibqa biss li jigi deciz jekk il-konvenuti, jew minn minnhom, ghandhomx jigu kundannati jhallsu l-imsemmija danni ulterjuri;

Xhud prodott mill-attrici kkonferma li dawn id-danni ulterjuri jirreferu ghal xi tiswijiet li kellhom isiru barra minn Malta u partikolarment f'Londra ghand "authorised repairers" tar-Rolls Royce. Is-socjeta konvenuta, li mill-ewwel accettat li thallas ghat-tiswija tal-vettura tal-attrici, accettat ukoll li l-istess tiswija kellha bilfors issir ghand Aurthorized Rolls Royce Dealership, u ghalhekk accettat li l-istess tiswija kellha ssir barra minn Malta;.

Ix-xhud prodott mill-attrici kkonferma li dawn l-ispejjez ulterjuri kif elenkati fid-dokument a fol.15 jirreferu ghall-spejjez ta' tragitt u trasport sabiex il-vettura twasslet l-Ingilterra u spejjez ohra relattivi ghal minn akkumpanja l-istess vettura. Dan ix-xhud ikkonferma li dawn l-ispejjez jinkludu xi vjaggi lejn Londra, li saru minn membri tal-familja tal-attrici;

Mid-deposizzjoni tar-rappresentant tas-socjeta konvenuta jirrizulta li s-socjeta konvenuta offriet li t-tiswijiet isru ghand authorised dealerships fl-Italia cioe jew Milan jew Ruma. Dan pero' ma giex accettat mill-attrici li insistiet li t-tiswijiet isiru l-Ingilterra. Jirrizulta li s-socjeta konvenuta kienet disposta li thallas ghal xi uhud mill-ispejjez in kwestjoni pero' mhux ghal dawk kollha elenkati fid-dokument a fol.15. Is-socjeta konvenuta ssostni li xi uhud minn dawn l-ispejjez ma kienx hemm bzonn li jsiru. F'dan ir-rigward saret referenza specifika ghal xi passaggi bl-ajru, xi spejjez ta' akkomodazzjoni u hlas li sar ghar-rigward tax-xufier li tella l-vettura l-Ingilterra;

L-ispejjez li qed jigu reklamati mill-attrici huma spejjez li gew inkorsi minnha sabiex isiru t-tisswijiet barra minn Malta. Huwa minnu ukoll li s-socjeta konvenuta taccetta li dawn in effett kellhom isiru barra. Certament pero' huwa l-obbligu tal-attrici li timminimizza d-danni. In vista tal-fatt li gie offert lill-attrici sabiex t-tisswijiet relattivi jsiru l-Italja, pero' xorta wahda l-attrici ddecidiet li ssewwi l-Ingilterra, ghandu jitnaqqas persentagg ta ghoxrin fil-mija (20%) mill-isepejjez kollha relattivi ghat-trasport u tragitt tal-vettura lejn l-Ingilterra. Dan qed jinghad fis-sens li jirizulta li l-vettura setghet issewwiet l-Italja, pero' fuq insistenza tal-attrici t-tisswijiet saru l-Ingilterra. Dawn l-ispejjez jirrizulta li jammontaw ghas-somma komplessiva ta' Lm730.17 (36.75 + 131.50 + 122.78 + 45.24 + 38.10 + 31.85 + 48.70 + 93.80 + 58.60 + 47.25 + 75.60). Meta jitnaqqas l-imsemmi persentagg l-ammont li jibqa hu ta' Lm584.14;

Ghar-rigward tal-ispejjez l-ohra kif elenkati fl-imsemmi dokument a fol.15 ghandhom jitnaqqsu l-ispejjez taz-zewg vjaggi bl-ajru u akkomodazzjoni relattiva, peress li dawn ma jirrizultawx li kienu spejjez neccessarji. Jibqa ghalhekk is-somma ta' Lm439.55;

In vista tal-premess d-danni komplessivi ulterjuri ghandhom jigu likwidati fis-somma komplessiva ta' elf u tlieta u ghoxrin liri maltin u disa u sittin centezmu (Lm1023.69) u cioe Lm584.14 u Lm439.55. Il-konvenuti, in solidum, huma responsabbli versu l-attrici ghal hlas ta dawn id-danni likwidati, li pero' finalment ghandhom jithallsu mis-socjeta konvenuta;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici fil-vettura taghha Rolls Royce Numru U-0077 bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku tal-25 ta' April 1993; tillikwida d-danni ulterjuri sofferti mill-attrici fis-somma komplessiva ta' elf u tlieta u ghoxrin liri maltin u disa u sittin centezmu (Lm1023.69) u tikkundanna l-konvenuti, in solidum, ihallsu lill-attrici l-imsemmija somma ta Lm1023.69 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu kwantu ghal terz (1/3) mill-attrici u kwantu ghar-rmanenti zewg terzi (2/3) mill-konvenuti in solidum.